# Restawr tal-Kappelluni fil-Knisja Parrokkjali

Is-Sur Anthony Bezzina

Qabel nibda dan l-artiklu tiegħi, nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex insellem u nawgura l-fejqan lis-Sur Joseph Bugeja, li kien il-persuna li ħajjarni biex nikteb dawn l-artikli fuq dan il-programm tal-festa tal-Madonna ta' Lourdes.

Bħalma għamilt f'dawn l-aħħar sentejn, din is-sena wkoll ser nikteb dwar xogħol li kien sar fil-knisja parrokkjali madwar 137 sena ilu. Fil-programm tas-sena l-oħra tajt tagħrif dwar kif fis-sena 1871 kien sar ix-xogħol ta' tiswijiet fil-koppla u l-lunetti kif ukoll il-pittura ta' tmien Angli fl-istess koppla, erba' Evanġelisti fil-lunetti u pittura oħra tal-Profeta David mas-saqaf tal-kor flimkien ma' pitturi oħra tal-Missier Etern u żewġ Angli, li kienu ġew ikkummissjonati lill-pittur magħruf Giuseppe Calleja, mill-Belt Valletta.


1876 L'Anno 1876 Il Parroco D. G. Paolo Xuereb ha assunto l'incarico di restaurare generalmente i due Cappelloni del Sacratissimo Rosario, e del SSmo Crocefisso esistenti in questa Santa Parle Chiesa del Crendi, non che di pitturarli ad olio, e dorarli interamente incominciando dal grande cornicione della volta sino le basi. Inoltre di dipingere ad olio nei quattro vani esistenti sotto gli Evangelisti le figure colossali rappresentanti l'Apostolo San Pietro l'Apostolo San Paolo, e la Fede, coi loro rispettivi angeli coll'iscrizione, ed un altro Angelo sul pulpito che rappresenta la Fede sparsa colla parola di Dio per mezzo degli Apostoli. E finalmente di ornare a proprie spese con ricche dorature il sudetto pulpito.
E per tutti i sopra indicati lavori vennero fatte dal sudetto Parroco le seguenti raccolte:
1° Donati dal Parroco D. Paolo Xuereb per la doratura del pulpito secondo l'accordato fatto col doratore Antonio Gauci della Valletta Scudi 60

Dettalji tax-xogħol tal-kappelluni

Bla dubju, il-kappillan Pietru Pawl Xuereb kellu viżjoni ċara ta' dak kollu li xtaq jagħmel tul il-parrokat tiegħu u bl-għajnuna tal-komunità tal-Qrendi, beda jinħema l-ħsieb jitkompla jsir aktar restawr fuq partijiet oħra.

## Restawr tal-Kappelluni

Fis-sena 1876, il-kappillan beda jaħseb biex isir ir-restawr tal-kappelluni, tal-Agunija u tar-Rużarju. Għal dan il-għan ħejja pjan ta' ġbir ta' fondi għal dan il-proġett estensiv. Wara li ħa l-pariri meħtieġa, ġie deċiż li x-xogħol kellu jikkonsisti f'restawr ġenerali taż-żewġ kappelluni li tibda mis-saqaf. F'dan ix-xogħol kellhom jiżdiedu wkoll erba' pitturi taż-żejt fuq il-pilastri maġġuri, l-appostli San Pietru u San Pawl, pittura oħra li tirrappreżenta l-fidi kif ukoll erba' puttini fuq dawn il-pitturi u wara ssir l-induratura. Wara dan kellu wkoll isir ix-xogħol ta' restawr fuq il-pulptu. B'dan il-pjan f'idejh, il-kappillan beda jorganizza l-ġbir meħtieġ mill-parruċċani u rakkolti waqt il-quddies tal-ħdud. Bħal dejjem xi benefatturi resqu 'l quddiem u avviċinaw lill-kappillan bl-offerti personali tagħhom. B'hekk fl-ewwel ftit ġimgħat inġabret is-somma sabiħa ta' 799 skud u 9 tari filwaqt li sa Diċembru 1876 is-somma laħqet 1237 skud 2 tari u 11 grani.

Issa b'somma tajba ta' flus miġbura beda jinxtara l-materjal meħtieġ għax-xogħol li kellu jsir. Materjal ta' ġibs u siment inxtara mingħand Giovanni Busuttil minn Raħal Ġdid u sewa 18-il skud, 2 tari u 19 grani filwaqt li konsenja ta' spirti, żejt tal-kittien, verniċ, pniezel u ħġieġ inxtraw mingħand in-negozjant Vincenzo Gauci u swew 195 skud u 5 tari. F'Mejju beda x-xogħol tal-brix tal-ħitan taż-żewġ kappelluni


10bre 23. Pagati al Signor Carlo Darmanin della Senglea per costo e manifattura di un crocefisso di plastica e croce di legno per il pulpito di questa Chiesa Parle " 16 3 "

Ħlas Carlo Darmanin

Ħlas Giuseppe Bonnici


1876.
Agosto 12. Pagati al Signor Artista Giuseppe
Bonnici della Senglea per pittura
delle figure S. Pietro, San Paolo,
e la Fede non che per N°4 puttini
tre di cui sovrapposti alle dette tre
figure ed uno sopra il pulpito colla
tromba (Docum. 57. " 432 " "

kif ukoll tal-korsija. Dan ix-xogħol kien fdat f'idejn Francesco Farrugia u tħallas is-somma ta' 37 skud u 1 tari (il- ftehim ta' ħlas kien ta' 5 tari kuljum).

Fid-9 ta' Awwissu 1876, il-mastrudaxxa Francesco Zahra tħallas is-somma ta' 37 skud u 6 tari għal xogħol fl-injam ta' 4 gwarniċi fiż-żewġ kappelluni u żewġ sopraporti tal-orgni.

It-tikħil fiż-żewġ kappelluni u xogħol ieħor ta' żebgħa fiż-żewġ sagristiji sar mill-bennej Salvatore Abdilla. Dan ix-xogħol dam sejjer xagħrejn u 19-il jum u għalih tħallas is-somma ta' 79 skud.

L-imgħallem Agostino Dalli tħallas 106 skud u 3 tari għal xagħrejn u 25 jum xogħol ta' żebgħa fil-kappelluni, il-pilastri maġġuri u l-kor.



## Induratura u pittura

L-Induratur Antonio Gauci, mill-Belt Valletta, tħallas is-somma ta' 432 skud għall-induratura fiż-żewġ kappelluni kif ukoll induratura tal-gwarniċ tal-kwadru prinċipali tal-Agunija. Ftit żmien wara, dan l-istess induratur indura wkoll il-gwarniċ tal-artal tar-Rużarju li sewa 108 skud.

Wara dan sar ir-restawr fuq il-pulptu u l-istess induratur, Antonio Gauci, għamel l-induratura meħtieġa li għaliha tħallas is-somma ta' 60 skud. Il-ġild li bih huwa miksi l-puġġaman inxtara 3 skudi mingħand Emmanuel Decelis.

L-iskultur Carlo Darmanin, mill-Isla, ġie mqabbad biex jaħdem il-kurċifiss u s-salib għal pulptu li b'kollox qam 16-il skud u 3 tari.

Ix-xogħol beda miexi ġmielu u ħaġa bdiet tikkumplimenta lil oħra. Kien jidher sew is-sodisfazzjon fuq wiċċ il-kappillan u l-komunità tal-Qrendi. Kulħadd kien kuntent bix-xogħol li sar u għalhekk issa kien wasal il-waqt li ssir il-pittura kif kien miftiehem. Għal din il-biċċa xogħol, il-kappillan kien ikkummissjoni lill-artist Guseppe Bonnici, mill-Isla, biex jagħmel il-pitturi ta' San Pietru u San Pawl fuq il-pilastri maġġuri (dawn kienu ġew mibdula ma' tnejn oħra tal-artist Paul Camilleri Cauchi fis-snin '70), pittura oħra li tirrappreżenta l-Fidi u 4 puttini, 2 fuq San Pietru u San Pawl (li wkoll ġew mibdula), ieħor fuq il-pittura tal-Fidi u l-ieħor fuq il-pulptu. Ta' dan ix-xogħol sar il-ħlas ta' 432 skud.

Għal dan ir-restawr tal-kappelluni tal-Agunija u tar-Rużarju, il-pulptu u xogħol ta' żebgħa fil-kor u s-sagristija flimkien mal-pittura ta' S. Pietru u S. Pawl u l-kurċifiss tal-pulptu, kienet tħallset is-somma totali ta' 1867 skud 2 tari u 3 grani liema somma nġabret kollha waqt ġbir fil-knisja kif ukoll mingħand il-benefatturi. Wara dan sar aktar xogħol importanti li dwaru jingħataw dettalji aktar 'il quddiem.

